# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum it-23 ta' Frar 2021**

Appell numru 2 tal-2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**George-Bogdan CRISTIEAN**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. Il-FATT IMPUTAT

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-13 ta' Jannar 2020 fil-konfront ta' George-Bogdan CRISTIEAN, karta tal-identità Rumena bin-numru 1890417170079 fejn ġie mixli talli (in suċċint):

   i. Ikkommetta serq ta' flus kontanti fl-ammont ta' sebgħin euro u mobile phone tal-marka Samsung S9+ tal-valur ta' sebgħa mija u sittin euro (€760) għad-detriment ta' Consiglia Grech, liema serq huwa aggravat bil-valur;
   ii. Kellu fil-pussess tiegħu jew uża arma projbita – pepper spray;
   iii. Kellu fil-pussess tiegħu jew uża arma projbita – mus tal-molla;

iv. Ġarr barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenza jew permess mill-Kummissarju tal-Pulizija;
v. Irrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mill-Qrati tal-Maġistrati liema sentenza saru definittivi u ma jistgħu jiġu mibdula;
vi. Ikkommetta reat ta' natura volontarja waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella nhar is-sitta u għoxrin ta' Diċembru 2018;
vii. Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel erba' imputazzjonijiet kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva fit-termini tal-artikoli 49 u 289 tal-Kodiċi Kriminali u kkundannatu għall-piena ta' għoxrin xahar priġunerija. Inoltre, sabet lill-imputat ħati wkoll li kkommetta r-reati de quo matul il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija lilu fis-26 ta' Diċembru 2018 u b'hekk ordnat li jibda' jiskonta l-perjodu ta' sentejn priġunerija mogħtija lilu bis-saħħa ta' dik is-sentenza. Inoltre projbietu milli jkollu liċenza taħt l-Att dwar l-Armi għal perjodu t'erba' snin. Apparti dan ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni tal-oġġetti kollha eżebiti. Finalment ordnat lill-ħati wkoll sabiex iħallas l-ammont ta' elf, mija tlieta u ħamsin euro sebgħa u tletin ċenteżmi rappreżentanti spejjeż peritali.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi George-Bogdan CRISTIEAN interpona appell minn din is-sentenza li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha:

Tirriforma s-sentenza appellata billi

- Tħassar is-sejbien ta' ħtija dwar l-ewwel imputazzjoni dwar serq kwalifikat bil-valur u minflok isibu ħati biss ta' serq sempliċi u tirriduċi l-piena b'mod relattiv;
- Tħassar is-sejbien ta' ħtija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni kif ukoll dwar ir-reċidiva ai termini tal-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali u minflok tilliberah minnhom kif ukoll teħilsu minn kull piena dwarhom;
- Tikkonferma s-sejbien ta' ħtija fir-rigward tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet b'dan li t-tielet imputazzjoni għandha titqies bħala mezz għal fini tar-raba imputazzjoni u b'hekk tirriduċi wkoll il-piena komminata f'dan is-sens peress li ma jirriżultax li l-Qorti tal-Maġistrati ikkunsidrathom b'dak il-mod;
- Tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat li l-imputat għandu jiskonta l-perjodu ta' sentejn u għoxrin xahar priġunerija (sic!) kif ukoll fejn ordnatlu jħallas l-ispejjeż peritali u minflok tapplika piena ferm aktar ridotta ġusta u ekwa għal każ.

Dan wara li saħaq is-segwenti: -

i. L-appellant ma setgħax jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni u dan peress li din bl-ebda mod ma ġiet ippruvata. Il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-bott eżebit kien jikkwalifika bħala pepper spray kif indikat fl-imputazzjoni;

ii. L-appellant ma setgħax jiġi misjub ħati ta' serq kwalifikat bil-valur in kwantu l-kwalifika tal-valur ma ġietx pruvata;

iii. L-appellant ma kellux jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż peritali peress li dawn ma servewx biex tiġi stabbilita l-ħtija o meno tiegħu;

iv. Il-Qorti tal-Maġistrati kienet skorretta meta in bażi għall-prova tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella tas-26 ta' Diċembru 2018 applikat kemm ir-reċidiva taħt l-artikolu 49 kif ukoll dik a tenur tal-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali u dan peress li meta ġudikat mgħoddi fil-konfront t'akkużat ikun jikkostitwixxi element ta' reat addebitat lil ħati, allura dik l-istess sentenza ma tistax imbagħad fl-istess nifs tiġi adoperata jew utilizzata sabiex isejjes il-bażi t'attribut ta' reċidiva jew ksur /inadempjenza ma ordni.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

### Ikkunsidrat

4. Illi nhar it-28 t'Ottubru 2019 Consiglia Grech kienet fil-club *Clique* f'San Ġiljan u waqt li kienet qegħda fit-tojlit rat lil dak li, wara għarfet li kien l-appellant, qiegħed imdendel mill-*cubicle* bil-*handbag* tagħha f'idu. Hija intebħet li kellha xi oġġetti neqsin minnu. Flimkien ma seħibha hija ħarġet mit-tojlit u marret issib lil ħalliel. Irnexxielha tindividwah u dan ġie mwaqqaf mis-*security guard* Carmel Zammit li pproċeda biex żamm lil dak li sar magħruf bħala l-appellant, għamillu tfitxija fuqu u minn fuq il-persuna tal-appellant Zammit ħareġ mus, *pepper spray*, *wallet* u *mobile phone* li kien moħbi fil-qalziet ta' taħt tal-appellant. Il-*mobile phone* in kwistjoni ġie mgħoddi lura lil Consiglia Grech li kkonfermat li dak il-*mobile*, Samsung Galaxy S9+ kien tagħha u li kienet xtratu madwar sena qabel versu l-prezz ta' seba' mija u sittin euro.

5. Mill-provi miġbura rriżulta li l-appellant ma kienx liċenzat sabiex iżomm jew iġorr armi. Apparti minn hekk il-Prosekuzzjoni eżebiet ukoll kopja unika u awtentika ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Dottor Gabriella Vella ta' nhar is-26 ta' Diċembru 2018 minn liema sentenza irriżultaw konnotati identiċi ma dawk tal-appellant. Inoltre, l-Uffiċjal Prosekutur Joseph Xerri ikkonferma wkoll l-imputazzjonijiet bil-ġurament mnejn huwa kkonferma li s-sentenza in reċidiva (fil-fatt huwa eżebixxa biss sentenza waħda – ċjoe dik hawn fuq imsemmija) kienet definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

## Ikkunsidrat

6. Illi din il-Qorti ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

7. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

8. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

9. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet ta' dik is-sentenza mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel il-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha.

10. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,*** 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

11. In oltre prinċipju fundamentali li fuqu jistrieħu dawn il-Qrati huwa dak imsemmi minn dil-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[4] fejn intqal : -

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

## E. IL-PARTI SPEĊJALI

### Ikkunsidrat

12. Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li ma ġiex pruvat li l-*cannister* eżebit f'dan il-każ kien *pepper spray*. Għalkemm huwa minnu li l-Prosekuzzjoni ma resqitx prova xjentifika dwar il-komposizzjoni kimika tal-kontenut tal-istess bott, il-kwistjoni dwar jekk dak l-eżebit kienx pepper spray o meno kienet kwistjoni ta' fatt li l-Qorti tal-Maġistrati kienet mitluba biex tistħarreġ u tikkonferma. Bħala fatt ix-xiehda f'dan il-każ xehdu li dak il-bott, eżebit fl-atti kien *pepper spray*. Il-Qorti rat l-eżebit f'dan il-każ. Mal-ewwel daqqa t'għajn il-*cannister* jiżvela l-identita tiegħu bħala li huwa "PFEFFER KO JET". Għandu forma partikolari u informazzjoni dwar il-kontenut tiegħu tinsab fuq wara tal-eżebit. Huwa minnu li l-ispjegazzjoni dwar il-kontenut tiegħu hija mogħtija bl-ilsien Ġermaniż. Traduzzjoni sempliċi tal-kliem fuq dan il-bott turi li l-kontenut tiegħu kien fil-fatt *pepper spray*. Din il-Qorti ħadet *judicial notice with inquiry* ta' dan il-fatt nonche ta' dak il-prodott.

---

[4] Deċiża fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

13. Jekk oġġett eżebit bħal ma huwa kontenitur ikun jiddikjara x'inhu l-kontenut tiegħu, dan joħloq preżunzjoni ta' fatt li dak li l-qoxra ta' barra tal-kontenitur tkun qegħda tgħid fir-rigward tal-kontenut tiegħu hija veritjiera. Jekk bott ta' *spray* tax-xagħar jiġi eżebit bħala bott ta' *spray* tax-xagħar; il-qoxra tal-bott tkun tgħid li l-bott jikkontjeni *spray* tax-xagħar; jekk dak il-prodott ossija l-bott tal-i *spray* tax-xagħar ikun magħruf fis-suq li fil-fatt huwa *spray* tax-xagħar; u ma jkunx hemm raġuni jew ċirkostanzi għaliex il-Qorti jkollha tiddubita jekk verament dak il-bott kienx jikkontjeni *spray* tax-xagħar iżda gass jew likwidu ieħor, allura l-Qorti tista' tistrieħ fuq preżunzjoni ta' fatt maħluqa minn dak li l-qoxra tal-bott tkun tgħid dwar il-kontentut tiegħu u tkun tista' *iuris tantum* tqis li d-dikjarazzjoni li dak il-bott ikun jikkontjeni *spray* tax-xagħar f'dawk iċ-ċirkostanzi ikun veritjier. Jekk xi parti tkun trid tikkontesta l-kontenut ta' dak il-bott, u b'hekk tikkontesta dak li qoxra tal-bott tkun tgħid fir-rigward tal-kontenut tal-oġġett innifsu, min jikkontesta jista' dejjem jitlob lill-Qorti sabiex il-bott u l-kontenut tiegħu jiġu eżaminati minn espert tekniku.

14. F'dan il-każ ma jirriżultax li saret talba simili lil Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti ma kellha ebda raġuni għaliex tiddubita li l-kontenut ta' dak il-bott ma kienx jaqbel ma dak li l-qoxra tiegħu kienet qegħda tgħid li jikkontjeni u mid-deskrizzjoni ta' dak il-prodott fis-suq. Il-preżunzjoni ta' fatt maħluq minn dak li l-qoxra tal-bott kienet tgħid fir-rigward tal-kontenut tiegħu għandu, salv prova kontrarja jitqies li huwa veritjier, tibqa' treġi f'dan il-każ.[5]

[5] Naturalment kienet tkun storja differenti kieku l-Qorti tal-Maġistrati kellha raġuni jew ċirkostanzi li minħabba fihom jiġiha s-suspett li l-kontenut tal-bott fil-fatt ma kienx jikkorrispondi ma dak li l-qoxra tal-bott kienet qegħda tgħid li hu.

15. L-ewwel aggravju qiegħed jiġi respint.

**Ikkunsidrat**

16. It-tieni aggravju huwa fis-sens li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-valur tal-*mobile phone* misruq, nonche l-ineżistenza totali tal-prova materjali tal-oġġett misruq. Anke hawn din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant. Għalkemm il-*mobile phone* ma jirriżultax li ġie eżebit bħal ma ġew eżebiti l-*pepper spray* u l-mus misjuba fuq il-persuna tal-appellant, jibqa' l-fatt li kemm Consiglia Grech, kif ukoll Vitali Levandovski u Carmel Zammit mhux biss xehdu dwar is-serqa tal-*mobile phone* de quo u s-sejba tiegħu fuq il-persuna tal-appellant. Anzi fil-bidu tal-kontro-eżami ta' Consiglia Zammit jirriżulta li d-Difiża stess għamlitilha mistoqsijiet speċifiċi fuq il-*mobile phone* li hija kellha fil-pussess tagħha seduta stante u saret riferenza għall-*mobile phone* li kien f'idejha dak il-ħin stess li kienet qegħda tixhed u hi identifikatu bħala l-istess *mobile phone* li kien ġie misruq lilha mill-appellant u li wara ġie mogħti lilha minn Carmel Zammit.

17. Apparti dan, ix-xhud stess kienet xehdet dwar kemm kienet xtrat dak il-*mobile phone* għal seba' mija u sittin euro. Il-prova relattiva għat-telf ossija l-valur tar-*res furtiva* f'dan il-każ ma kienetx bilfors teħtieġ li jiġi maħtur espert tekniku. Kif intqal fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-24 ta' Frar 2003, id-determinazzjoni tal-valur ta' oġġett tista' tiġi magħmula jew b'apprezzament tal-ġudikant jekk huwa jkun jifhem biżżejjed biex jiddetermina l-valur hu stess, jew billi

jitqabbad perit mill-Qorti biex jagħti l-fehma tiegħu dwar l-ammont tal-ħsara jew inkella billi l-parte lesa tixhed bil-ġurament dwar kemm hija kienet ħalset biex xtrat l-oġġett jew il-valur tat-tiswija tal-oġġett. F'dan il-każ il-parti lesa xehdet bil-ġurament dwar il-valur tal-oġġett misruq u l-Qorti tal-Maġistrati għamlet ukoll l-evalwazzjoni tagħha fis-sens li mobile phone ta' dik il-marka u mudell f'dak iż-żmien kien iġib valur għola mill-kwalifikat minima rikjesta mill-Liġi.

18. Dan l-aggravju għalhekk qiegħed jiġi respint.

## Ikkunsidrat

19. Illi kwantu għal dak li jirrigwarda l-ispejjeż peritali jingħad li l-Qorti tal-Maġistrati kienet, fil-preżentata, ħatret lil Keith Cutajar sabiex jippriserva l-provi konsistenti fil-filmati ta' CCTV's li jista' jkun hemm fl-istabbiliment Clique ġewwa Triq San Ġorg, San Ġiljan u kull filmat ta' CCTV li hemm installat fl-istess triq u dan riferibbilment mit-tlieta ta' filgħodu sat-tmienja ta' filgħodu ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2019. Din il-ħatra saret fuq talba tad-Difiża! Huwa evidenti li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet imbagħad għamlet riferenza għal din ir-relazzjoni fis-sentenza tagħha u għamlet konstatazzjonijiet ta' fatt li jitnisslu minn tali relazzjoni a fol 8 u 9 tas-sentenza.

20. Minkejja dan ma jistax jingħad li f'dan il-każ ma kienx hemm kundanna.[6] L-anqas ma jista jingħad li dan kien każ fejn ma kienx

[6] Ara l-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Emanuel Deguara*** deċiż nhar it-23 t'April 2014 mill-Imħallef Antonio Mizzi.

hemm utilita' wara l-ħatra – għax utilita kien hemm – jew li l-eżitu tar-relazzjoni kienet fin-negattiv.[7]

21. Din il-kundanna għall-ħlas tal-ispejjeż kienet ibbażata fuq dak li jipprovdi l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali (u mhux l-artikolu 533A tal-Kodiċi Kriminali), li jgħid : -

> 533. (1) Meta l-kawża ssir mill-Pulizija ex officio, il-qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

22. Inoltre, dawn l-ispejjeż kellhom isiru in konnessjoni mal-konsegwenza tal-possibbli sejbien ta' ħtija. B'hekk dil-mansjoni kienet tikkonnetti ruħha mar-responsabbilta tal-ħati jew ma xiex kien tenut jirrispondi għalih.[8] Din il-Qorti għalhekk tqis li l-kundanna tal-ħlas tal-ispejjeż mill-Qorti tal-Maġistrati f'dan il-każ kienet ġustifikata. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi wkoll respint.

## Ikkunsidrat

23. Illi fir-raba' aggravju tiegħu l-appellant jikkontendi li l-Qorti tal-Maġistrati kienet skorretta meta in bażi għall-prova tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella tas-26 ta' Diċembru 2018 dik il-Qorti applikat kemm ir-reċidiva taħt l-artikolu 49 kif ukoll dik a tenur tal-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali u dan peress li meta ġudikat mgħoddi fil-konfront t'akkużat ikun

---

[7] Ara l-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Darren Brincat*** deċiż nhar it-28 ta' Settembru 2017 mill-Imħallef Giovanni Grixti.
[8] Ara wkoll f'dan is-sens l-appell ***Il-Pulizija vs Vincent Cacciattolo*** deċiż mill-Qorti Kriminali nhar l-4 ta' Ġunju 1948 mill-Imħallef Harding.

jikkostitwixxi element ta' reat addebitat lil ħati, allura dik l-istess sentenza ma tistax imbagħad fl-istess nifs tiġi adoperata jew utilizzata sabiex isejjes il-bażi t'attribut ta' reċidiva jew ksur /inadempjenza ma ordni.

24. Illi huwa minnu li fis-sentenza tagħha ċitata mid-Difiża tas-6 ta' Ġunju 1994 din il-Qorti diversament presjeduta kienet stqarret li ġaladarba l-fatt li persuna tkun ġiet misjuba ħatja ta' reat u li dan ikun jikkostitwixxi ingredjent essenzjali tar-reat ġudikand, l-istess fatt ma jistax jintuża għall-finijiet ta' żieda tal-piena fil-każ ta' reċidiva. Iżda dak il-pronunzjament kien qiegħed isir b'riferenza għall-elementi tar-reat taħt l-artikolu 287 tal-Kodiċi Kriminali ċjoe r-reat tal-pussess mhux ġustifikat ta' flus, oġġetti, eċċetra, minn persuna ġa ikkundannata għal serq jew għal riċettazzjoni – fejn il-prova tal-kundanna preċedenti għal serq jew riċettazzjoni hija fil-fatt wieħed mill-elementi tar-reat taħt l-artikolu 287 tal-Kodiċi Kriminali. Iżda dik il-Qorti qalet ukoll li kundanni oħra apparti dik meħtieġa biex jiġi pruvat ir-reat taħt l-artikolu 287 tal-Kodiċi Kriminali setgħet titqies għall-fini ta' reċidiva.

25. F'dan il-każ is-sitwazzjoni hija differenti fis-sens li dak dispost mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ma joħloqx reat *ad hoc*. L-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi konsegwenza li titnissel mis-sejbien ta' ħtija ta' persuna fir-rigward ta' reat ieħor u sussegwenti għal dik is-sejbien ta' ħtija preċedenti tagħha u li tkun waslet lil Qorti biex teroga sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha.

26. B'hekk hawn ma hawn ebda element ta' reat *ad hoc* li jkun irid jiġi pruvat bil-preżentata ta' sentenza kundannatorja preċedenti. Bl-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti ma ssibx lill-ġudikabbli ħati ta' reat ġdid. Fil-każ li jiġi pruvat li l-ġudikabbli kien ġie misjub ħati ta' reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija u li jkun sar matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, ħlief jekk dik is-sentenza tkun diġa bdiet isseħħ, dik il-Qorti għandha tordna li s-sentenza sospiża għandha tibda' sseħħ.

27. B'dan l-artikolu l-ġudikabbli jkun qiegħed jaħsad il-frott tal-fatt li huwa jkun ġie misjub ħati ta' reat imwettaq matul il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża, u minflok huwa tgħallem il-lezzjoni u żamm lura milli jerġa jiddelinkwi, u jkun ħa l-opportunita li jbiddel ħajtu, huwa għall-kuntrarju jagħżel li jkompli jisfida l-Liġi tal-pajjiż u għal darb'oħra jagħżel li jiddelinkwi. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu huwa jkun qiegħed iwettaq b'mod effettiv dak li jkun ġie kondizzjonalment erogat fuqu fis-sentenza preċedenti. Li kieku żamm lura milli jiddelinkwi bil-mod kif imsemmi fl-artikolu 28A u 28B tal-Kodiċi Kriminali ma kienx ser ikun kostrett jaffronta din il-konsegwenza. Biss ma jistax jilmenta li dan l-artikolu joħloqlu xi reat ġdid jew xi sentenza ġdida. L-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jġib fis-seħħ is-sentenza li huwa jkun diġa ingħata preċedentement u li ma jkunx, bil-provi, żamm magħha.

28. Mill-banda l-oħra il-kunċett tar-reċidiva, skont il-Marinucci u Dolcini fil-***Manuale di Diritto Penale:***[9]

> La recidiva e' una **circostanza del reato**: in particolare si tratta di una *circostanza aggravante soggettiva*, e piu' precisamente una *circostanza aggravante inerente alla persona del colpevole*.

[9] Parte Generale, Terza Edizione, Giuffre Editore, 2009, paġna 502, paragrafu 13.2.

29. Fil-fehma ta' din il-Qorti għalhekk, ir-reċidiva in kwantu addebitu u mhux imputazzjoni, u b'mod partikolari bħala cirkostanza aggravanti inerenti għall-persuna tal-ħati, ma tistax fin-natura ġuridika tagħha titqies li hija ekwiparabbli mar-**reat** kriminali. Huwa veru li sabiex ikollha valenza ġuridika effettiva r-reċidiva trid tiġi kontestata lill-imputat mill-Prosekuzzjoni, li trid tiġi pruvata bil-mezzi stabbiliti mill-Liġi u mill-ġurisprudenza, u li l-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali trid tiddikjara fl-ikkundannatorja li l-ħati jkun reċidiv. Iżda din il-ħtieġa proċedurali ma tbiddilx in-natura ġuridika tar-reċidiva b'mod li minn addebitu titrasformah f'reat kriminali *ad hoc*. Din il-Qorti għalhekk ma taqbilx mal-argument imressaq mid-Difiża fir-raba' aggravju li qiegħed jiġi respint.

30. Illi inoltre, l-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati ma kienetx ***wrong in principle*** jew ***manifestly excessive***. Apparti minn hekk jirriżulta wkoll li l-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali kif jirriżulta mid-disposittiv tas-sentenza.

# Deċide

Għaldaqstant, għall-motivi premessi, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**